ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 11 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 16 ta' Settembru 2013 fis- 6.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Tenders;
5. Dustbins tal-Hwienet;
6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 10 ittieħdu bhala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu adottati.

Issekondat il-Kunsillier Schembri u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**;

Is-Segretarju qalet li xtaqet tigbed l-attenzjoni tal-Kunsill li qed jittiehdu certu azzjonijiet li ma jkunux gew diskussa w aktar u aktar approvati waqt laqgha tal-Kunsill. Dawn affarijiet li qed isiru kontra kull regolament tal-Kunsill. Xejn ma jista jsir jew tittiehed azzjoni jekk din ma tkunx giet diskussa waqt laqgha tal-Kunsill u approvata.

Dwar din l-item ukoll is-Segretarju qalet li giet infurmata li membri tal-Kunsill flimkien ma' membru tac-Cycling Club marru biex jiehdu parir dwar kif dawn ta' l-ahhar jistghu jiehdu devoluzzjoni tal-Wied ta' Has-Saptan biex jirrangawh u jsir *cycling track* internazzjonali.
Il-Kunsill talab li ssir laqgha mas-Sur Warren Muscat biex tigi diskussa din il-materja.

Is-Segretarju kompliet tghid li kieku din il-materja giet diskussa il-membri kienu jkunu jafu li l-Kunsill ta' qabel kien diga iddiskuta li maz-zmien jiehu devoluzzjoni ta' dan is-sit u jipprova jgib fondi bi shab ma Kunsill iehor biex isir *recreational park* biex jidgawda minn kulhadd.

Is-Segretarju qalet li membri tal-Kunsill jixtiequ ukoll li karti li johorgu mill-Kunsill ikunu f'isem il-Kunsill Lokali kollu. Il-Kunsill qabel.

Is-Segretarju qalet ukoll l-Kunsill kollu irid ikun mgharraf bil-laqghat li jkunu se jsiru anke dawk tas-sottokumitati ghax ghal dawn il-laqghat kulhadd jista jattendi,kull membru tal-Kunsill.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

1. Mid-Dipartiment fejn bagħatu Memo 17/2013 re:- Għajnuna Finanzjarja għall-*Live Streaming* fi zmien tlett xhur. Din l-ghajnuna hi ta' €2300. Il-Kunsill talab lis-Sindku jistaqsi dwar dan li Streaming lil-AKL.

   Bagħatu wkoll dwar Memo 21/2013 re:- Linji Gwida dwar Telefon Ċellulari tal-Kunsilli Lokali.atu wkoll datu wkoll d

ĦAL GĦAXAQ

   Infurmaw ukoll li ser issir laqgħa dwar *Cultural Contact Point* ( Malta) fejn ser isir *workshop* fil-11 u 12 ta' Settembru, 2013.

2. Mill-MEPA fejn infurmaw li ser isir *Talking Point*.

   Bagħatu wkoll jinfurmaw li l-bilanċ tal-UIF huwa ta' € 32,378.

3a plenarja

. Mill-Pulizija baghatu li għandhom bżonn ikunu jafu fejn għandna *surveillance cameras*.

4. Mingħand ir-Reġjun Nofsinhar fen infurmaw li ser jorganizza rotta bejn il-lokalitajiet biex l-*Eco Wardens* jagħmlu *spot checks* fil-postijiet indikati.
   Dwar dan is-Sindku qal li waqt laqgha tar-Regjun intqal li l-Kunsill ghandu 26 siegha li jistghu jintuzaw meta irid il-Kunsill. Il-Kunsill hu intitolat ghal2 sieghat fix-xahar izda meta il-Kunsill jitlob is-servizz tal-wardens dan se jithallas 50% mill Kunsill u 50% mir-Regjun.
   Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jekk jafu b'xi postijiet u l-hin li l-ahjar li jmorru l-Eco Wardens jinfurmawh biex fil-laqgha tar-Regjun li jmiss hu jkun jista jghaddi l-kummenti tal-Kunsill. Dawn l-Eco wardens jibdew jghatu citazzjonijiet lil dawk in-nies li jabbuzaw fl-uzu ta' li skips li suppost jintuzaw ghal skart domestiku.
   Il-Vici Sindku qal li l-ahjar mod kif teduka n-nies hu li l-ewwel hmistax jinghataw warning flok citazzjoni u ir-residenti ghandhom jigu nfurmati li se jibda jkun hawn l-*Eco Wardens*.
   Is-Sinjura Schembri qalet li l-ahjar il-hin li jkunu hemm ma jkunx dejjem fl-istess izda jitbieghed il-hin minn darba ghall-ohra.
   Il-Vici Sindku qal ukoll li ma hemmx bzonn li l-Eco Wardens jghamlu sieghat twal hdejn l-istess skip.

5. Mingħand il-MFSS, fejn qed jilqghu nominazzjonijiet għall-Premju tal-Anzjan tas-sena 2013.

6. Mingħand il-*WasteServ*, fejn infurmaw dwar *European Week for Waste Reduction* bejn is-16 u l-24 ta' Novembru, 2013.

7. Kwotazzjoni minghand li Strand Electronics dwar il-prezzijiet tal-photocopiers minħabba li l-*photocopier* tal-librerija ghanda wisq hsara biex tissewwa. Il-Kunsill qabel li jixtri wahda biex tintuza fl-ufficcju tal-Kunsill u dik li hemm fl-ufficcju tinghata l-librerija.

8. Ircevejna informazzjoni dwar it-tilqima ta' l-Influwenza. Il-Kunsill qabel li jigu ikkuntattjati li spizeriji li s-sena l-ohra taw is-servizz taghhom b'xejn biex jaraw jekk dawn hux se jghamlu li stess din is-sena.

ĦAL GĦAXAQ

9. Il-Kunsill ircieva l-membership tal-ECAD li hu ta' €200. Dan isir kull sena u ghaldaqstant il-membri tal-Kunsill qablu li dan jithallas.

10. Il-Kunsill ircieva informazzjoni minghand il-KMS dwar attivitajiet sportivi li l-Kunsill ghandu l-hsieb li jorganizza. Inkludew ukoll l-applikazzjoni. a

## 4. <u>Tenders</u>

Is-Sindku qal li minhabba li wasal iz-zmien li johorgu it-tenders tal-Latrini, tal-Bulky u tal-knies, jixtieq jibdel xi affarijiet fli specifications tat tenders.

Is-Sindku qal li t-tender tal-latrini tohrog kif inhi, izda il-Vici Sindku qal li la issa il-latrini ta' Gnien il-Kunsill lesti jistghu jibdew jinfethu ukoll. Sar qbil li t-tender tohrog ghal latrine ta' fuq Santu Rokku u ta' Gnien il-Kunsill izda il-hinijiet tal-ftuh ikun differenti. Dawk ta' Santu Rokku jibqghu kif inhuma mis-7.00am sas-7.00pm u dawk tal-Gnien il-Kunsill jibdew jifthu mid-9.00am sad-9.00pm. Il-Kunsill qabel.

Dwar it-tender tal Bulky, dan jibqa kif inhu ghax bhal ma qal il-Vici Sindku dan qieghed tajjeb u l-Kunsill qieghed jiffranka il-flus. Il-Kunsill qabel.

Dwar it-tender tal-Knis, is-Sindku qal li jixtieq jibdel ir-rottot, u ta spjegazzjoni ta' kif dawn se jkunu. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

## 5. <u>Dustbins tal-Hwienet</u>

Is-Sindku qal li xtaq li jinforma il-hwienet tar-rahal biex kulhadd johrog *dustbin* hdejn il-bieb biex b'hekk ir-rahal jinzamm nadif.

Saret diskussjoni fejn is-Sinjura Agius qalet l-Kunsill ikun qed jobbliga hanut jghamel dustbin u ghal dan is-Sinjura Schembri staqsiet min se jkun responsabbli li jnaddaf dawn id-dustbins.

Is-Sindku qal li sid il-hanut ikun rsponsabbli biex inaddfu.

Il-Vici Sindku qal li wiehed irid joqghod attent ghax x'jghamel wiehed tal-hanut jekk il-banikina ta' quddiemu tkun dejqa.  Il-bankina ma tistax tigi estakolata.

Is-Sindku talab li din il-materja tigi diskusssa anke mas-sidien tal-hwienet w il-Kunsill jara r-reazzjoni tan-nies.

ĦAL GĦAXAQ

## 3. Suggerimenti mill-Kunsilliera

1. Il-Kunsilliera Schembri qalet li se torganizza korsijiet varjati. Il-Kunsill qabel.

2. Il-Kunsilliera Schembri qalet ukoll li fis-6 ta' Ottubru bejn 10.00am u 12.00pm ser torganizza Culture Tour u Treasure Hunt madwar ir-rahal u se titlob biex toroq Santa Marija (minn wara l-knisja sa triq Santa Tereza), San Filippu (minn Santu Rokku sa Dawret Hal-Ghaxaq), San Pawl, Dun Gorg u Mariano Gerada u Pjazza San Filippu.  Is-Sinjura Schembri kompliet tghid li se torganizza ukoll *exhibition* tal-*Crafts*.

   Il-Kunsill qabel ma din l-attivita u sar qbil li l-ewwel jigi ikkuntatjat il-kappillan biex naraw jekk hemm xi attivita minn naha tal-Knisja u jekk le tinbghat il-lista tat-toroq lid-DOI biex tidher fil-Gazzetta tal-Gvern u navzaw il-Pulizija.

3. Is-Sindku qal li jixtieq inehhi li skips maz-zmien u qal li dik li kien hemm hdejn il-BOV giet imressqa aktar il-fuq.
   Il-Vici Sindku qal li minhabba li tnehhiet li skip li kien hemm fi Triq Gius. Demicoli in-nies fethu skip tar-riciklagg u qed jarmu li skart fiha.

4. Il-Vici Sindku talab biex imur il-laqgha tas-Sindki w il-Vici Sindki nhar il-Gimgha 27 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sindku qal li se jibghat karta lir-residenti ta' Triq ta' Loretu fejn se jinfurmom li din it-triq ser issir One Way. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal ukoll li jixtieq jibghat avviz lir-residenti dawr li skart. Din se tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

7. Is-Sur Abela kompla biex jghid li resident avvicinah biex titpogga kaxxa safra quddiem fetha fejnhemm garaxx minflok double yellow lines li hemm issa. Il-Kunsill qal li din trid tintalab lil Transport Malta u jekk issir lanqas sid il-garaxx ma jista jipparkja fiha.

8. Is-Sur Abela qal li gew xi residenti zghazagh biex jghmalu tournament tal-futbol fil-mini-pitch. Il-kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

9. Is-Sindku qal li ghandu nhar is-17 ta' Settembru laqgha l-Ministeru ta' l-Intern mas-Sur Silvio Scerri dwar il-ftuh ta' l-Ghassa tal-Pulizija kuljum, dwar il-ligijiet tat-towing u dwar il-haddiema tal-habs, kif ukoll dwar pulizija li jduru postijiet fejn ma jistghux jpejpu. Il-Vici Sindku qal li dan ta' l-ahhar hu xoghol tal-Green Wardens.

ĦAL GĦAXAQ

10. Is-Sur Vassallo qal li hemm zewg tappieri neqsin minn dawk li hem tan-nar ta' l-art.

    Is-Sindku qal li se jiehu hsieb jara fejn huma.. Kemm is-Sindku kif ukoll is-Sinjura Agius qalet li ikun sewwa jekk il-kumitat tal-festi jintalab ihallas depozitu biex juza dawn it-tappieri. Il-kunsill qabel.

11. Is-Sindku qal li dahal ilment li bejjiegh li jkun fil-pjazza qed jostakola it-triq. Il-Vici Sindku qal li hawn hafna bejjiegha bhalu allura lil min se tkellem biex ma jghamilx kaxxi fl'art.

12. Is-Sindku qal li jixtieq jikteb lil-Transport Malta biex isiru s-sinjali tat-toroq fi Triq il-Gudja. Il-Kunsill qabel.

13. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li l-Kunsill jixtri driller ghal xogholijiet li l-Kunsill ikun mehtieg li jghamel. Il-Kunsill qabel.

14. Is-Sindku qal li se jorganizza laqghat mal-kazini u l-hwienet li hawn fil-pjazza dwar "No Parking" fil-pjazza minn Ottubru. Il-Kunsill qabel.

15. Is-Sinjura Agius qalet li Gnien il-Kunsill hemm bicca injama kbira hdejn il-Madonna.

    Is-Sindku qal li din tpoggiet hemm minhabba li hemm toqba fejn se jitpoggew il-wires tad-dawl madwar il-Madonna meta tkun lesta.

16. Il-Kunsillier Agius qalet li giet avvicinata minn residenta li toqoghod fil-pjazza u qaltilha li d-dar taghha li hija kbira mhux hazin qeda ghal bejgh.

Il-Kunsill qabel li din tkun dar tajba biex tintuza mil-Kunsill ghal diversi affarijiet u talab lil-Kunsillier Agius biex igib il-prezz li qed jintalab ghal din id-dar.

17. Il-Vici Sindku qal li hemm diversi bozzoz li ilhom maqtughin hdejn ic-cimiterju kif ukoll riflettur. Il-Kunsill qabel li dawn jinbidlu.

18. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li l-Kunsill jgib il-konkos kemm mehtieg biex jghamel bicca art hdejn il-grawnd tal-futbol li tghati ghaz-zebbug.

19. Is-Sindku qal li l-Kunsill gie mitlub jipprovdi d-dawl minhabba li ser issir laqgha tat-talb fuq Santu Rokku. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

ĦAL GĦAXAQ

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar il-Gimgha 11 ta' Ottubru 2013 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Darren Abela | Therese Xuereb |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |